**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO, LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JURIS (EUR LAW).**

**ATT TA' AKKUZA : 4/2001**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**ESSAM ABUBAKER ESHARIF**

**Illum, 5 ta' Lulju, 2002.**

Il-Qorti :

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tal-11 ta'Gunju, 2001, li taqra hekk :

*"Il-Qorti :*

*Rat l-Att ta' Akkuza numru 4/2001.*

*Semghet fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2001, lil Essam Abubaker Esharif jammetti l-htija tieghu skond l-akkuzi migjuba kontrih fl-imsemmi Att ta' Akkuza, f'' liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li din il-Qorti wissietu*

*b' mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni, u taghtu zmien biex jahsiba u, jekk irid, jerga' lura minnha ( u dan kif jipprovdi l-Artikolu 453 (1) tal-Kodici Kriminali ) ;*

*Tiddikjara lill-imsemmi Essam Abubaker Esharif hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f' Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f' Malta bi ksur tal-ligi, jew ippromwuova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dan skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati wkoll talli mporta, gieghel li tigi mpurtata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (eroina) f' Malta bi ksur tal-ligi, u dan skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina bi ksur tal-ligi, taht tali cirkostanzi li juru li dan il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan skond it-Tielet Kap ta' l-istess Att ta' Akkuza.*

*Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-lum mill-Avukat tar-Repubblika Dott. Stephen Tonna Lowell dwar l-ammissjoni tal-hati fl-Isptar fil-mori ta' dawn il-proceduri. Semghet ukoll fl-udjenza tal-lum kemm lill-hati jixhed, kif ukoll lil huh Jamal Eddin Esharif; hadet in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-ammissjoni tal-hati fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll il-fatt li malli nqabad bid-droga, il-hati mill-ewwel qal lill-pulizija lokali kif u minn fejn, skond hu, kien akkwista dik id-droga (dan il-fatt wahdu, pero', ma jwassalx ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 101); ikkunsidrat ukoll ic-cirkostanza aggravanti li l-hati kien pulizija f'pajjizu, u, addirittura, kien f'xi zmien inkarigat mill-glieda kontra d-droga;*

*Rat l-Artikoli 2, 9, 10, 12, 15A, 22 (1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(3A)(d) tal-Kap. 101; ir-Regola 4 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), u l-Artikoli 11, 17(b)(h), 22 u 533 tal-Kodici Kriminali;*

*Tikkundanna lill-Essam Abubaker Esharif ghall-piena ta' tlettax (13) il-sena prigunerija, minn liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz qabel id-data ta' l-ammissjoni tieghu (cioe', qabel is-6 ta'Gunju, 2001), kif ukoll tikkundannah*

*ihallas Multa ta' hamsa w ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) (konvertibbli, skond l-Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali, f' sena prigunerija ohra f' kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra, u tal-propjeta' mmobbli kollha, ta' l-imsemmi Essam Abubaker Esharif, ukoll jekk il-propjeta' mmobbli minn meta gie akkuzat ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, propjeta' mobbli jew propjeta' mmobbli jkunu qedin f' xi post barra minn Malta; fl-ahhar nett tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur, fi zmien xahar mil-lum, is-somma ta' hames mija w tmintax il-lira, u sitta w hamsin centezmu (Lm518.56c), spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri.*

*Il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' kull droga li talvolta tinsab ezebita taht l-awtorita' taghha in konnessjoni ma' dan il-kaz, liema distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur tal-Qorti, kemm il-darba l-Avukat Generali ma jindikax, permezz ta' nota presentata fi zmien gimgha mil-lum, li tali droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra. Ir-Registratur ghandu jirredigi <u>proces-verbal</u> bid-dettalji tad-distruzzjoni w jinserih fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn tlett gimghat mil-lum."*

Minn din is-sentenza appella l-akkuzat misjub hati Essam Abubaker Esharif permezz ta' rikors ta' appell prezentat fit-28 ta'Gunju, 2001, fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi fil-waqt li ssibu hati skond l-ammissjoni tieghu, tirriduci l-perijodu tal-piena karcerarja w l-Multa nflitta, u dan salv rimedji ohra li din il-Qorti tista' talvolta tapplika skond il-ligi.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi essenzjalment l-appellant Essam Abubaker Esharif qed jissottometti li l-piena tal-prigunerija w multa fic-cirkostanzi tal-kaz tieghu kienet wahda eccessiva, tenut kont tal-fatt illi huwa kien ammetta l-htija tieghu mal-ewwel fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Jissottometti wkoll li din il-piena nflitta fuqu titbieghed mill-principju ta’ uniformita’ ta’ sentenzi. Jghid ukoll li hu kien ssokkomba biex jaghmel dan ir-reat biss wara hafna theddid kemm lejh, kif ukoll lejn il-familja tieghu. Jilmenta wkoll li l-ispejjes peritali huma eccessivi u li l-ewwel Qorti ma naqqsetx il-perijodu li ghadda mid-data ta’ l-ammissjoni tieghu (cioe’, is-6 ta’Gunju, 2001) sad-data tas-sentenza taghha (cioe’, il-11 ta’Gunju, 2001).

Barra dawn is-sottomissjonijiet kontenuti fir-rikors t’appell tieghu, l-abbli difensur ta’ l-appellant, fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, ghamel aktar sottomissjonijiet ohra li din il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni wkoll.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi hu mportanti li jigi mfakkar li dan il-kaz huwa wiehed fejn kien hemm ammissjoni, f’liema ammissjoni l-appellant ppersista anke wara li gie mwissi bl-aktar mod solenni mill-ewwel Onorabbli Qorti, kif titlob il-ligi, fuq il-konsegwenzi legali ta’ din l-ammissjoni tieghu.

Apparti li l-appellant jidher li qed jippretendi li l-ewwel Qorti ma tatx piz bizzejjed lis-sottomissjonijiet tieghu w ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tieghu, cioe’ (**1**) li malli nqabad mal-pulizija, hu mal-ewwel ammetta l-involviment tieghu fir-reati li bihom gie akkuzat, (**2**) li hu kien ammetta l-akkuzi dedotti kontrih fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, (**3**) li kien ghamel dawk ir-reati wara li kien safa’ mhedded diversi drabi, kemm hu personalment kif ukoll membri tal-familja tieghu, u (**4**) li kien kixef mal-pulizija lokali kif u minn fejn, skond hu, kien akkwista d-droga li nstabet fuqu, in verita’,

fil-fehma ta' din il-Qorti, uhud minn dawn is-sottomissjonijiet kienu effettivament gew ikkunsidrati mill-ewwel Onorabbli Qorti filwaqt illi ohrajn jammontaw biss ghall-asserzjonijiet gratuiti li ma jsibu konfort fl-ebda prova. Certament dak li qed jissottometti l-appellant mhux fondat bizzejjed biex almenu din il-Qorti tindaga aktar fil-fond. Jidher li ma hemm xejn x' wiehed jista' jiccensura f'dak li qalghet l-ewwel Qorti li kienet qed tiehu in kunsiderazzjoni, u din il-Qorti tara li ghandha wkoll tikkondividi pjenament l-apprezzament li ghamlet dik il-Qorti.

Din il-Qorti ma tarax li l-appell ta' Essam Abubaker Esharif jista' b'xi mod ikun sostnut. Dwar il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, bizzejjed jigi rilevat li r-reati li bihom gie akkuzat l-appellant, u li taghhom nstab hati wara l-ammissjoni tieghu, igorru piena ta' ghomor prigunerija, piena din li hi ferm u ferm aktar minn dik li effettivament giet nflitta mill-ewwel Qorti. Ghalhekk il-piena mposta mill-ewwel Qorti fuqu, tenut kont tac-cirkostanzi kollha li dik il-Qorti semmiet fis-sentenza taghha fil-parti fejn ikkunsidrat ir-ragunijiet li wassluha ghal dik il-piena partikolari li mponiet, kif ukoll tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz li johorgu mill-Att ta' l-Akkuza kif ukoll mill-atti tal-kumpilazzjoni, hija piena ragjonevolment moderata, u certament mhiex xi wahda eccessiva. Dan hu kaz car fejn minghajr ebda dubju din il-Qorti ghandha tirrispetta d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-ghoti tal-piena.

Dwar l-ammont ta' l-ispejjes peritali li l-appellant qed jghid li hu wiehed eccessiv, dan hu ilment ferm frivolu, dan ghaliex dak mhux xi ammont ivvintat izda hu wiehed debitament intaxxat, skond il-ligi, mir-Registratur tal-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell ta' Essam Abubaker Esharif qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata, b'dan illi, flimkien mat-tnaqqis ta' kull zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, ghandu japplika wkoll d-dispost ta' l-Artikolu 509 (5) tal-Kodici Kriminali in rigward tal-perijodu kollu li l-appellant ghamel mid-data ta' l-ammissjoni tieghu quddiem il-Qorti Kriminali fis-6 ta'Gunju, 2001, sal-lum.